Ref No: 2010/03/26
Com. Tel No: 21666248

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 321/10

**Joseph Caruana**

**vs**

**Melita plc**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħlas li qed jagħmel stante li hu ma talabx għas-sistema l-ġdida.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa rċieva ittra mingħand Melita plc, fejn is-sistema *analogue* ġiet trasferita għas-sistema *digital,* u kien qed iħallas taħt protesta, u pero' xorta ma jridx is-sistema l-ġdida.

L-intimat issottometta bil-miktub illi r-rikorrenti seta' faċilment iwaqqaf is-servizz u jagħti xahar *notice* u ma jkomplix bis-sistema l-ġdida, u li dan huwa m'għamlux.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra illi r-rikorrenti veru kellu l-għażla li jittermina s-servizz f'temp ta' xahar *notice* u ma kellux għalfejn ikompli jħallas anke taħt protesta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888